Gheziez membri

## Laqghat ta' Kull Gimgha

Is-sajf ghadda u wasal iz-zmien li nergghu nibdew niltaqghu kull gimgha. Il-laqghat isiru kull nhar ta' Hamis fis-6.30 ta' fil-ghaxija. Filwaqt li nilqghu lill membri l-godda, nghidulhom 'Merhba'.

## Mizata Annwali

Nixtiequ nfakkru l-htiega tal-hlas tal-mizata annwali tal-membri, ghalhekk nitolbukom il-kooperazzjoni taghkom u thallsu l-mizata fl-ewwel laqghat ta' Ottubru. Infakkru wkoll li l-mizata hi biss €20 ghal kull membru, u €30 jekk jinkitbu bhala koppja. Nirringrazjawkom.

## Grazzi lill Dr. Alfred Grech

Nhar il-hamis 12 ta' Settembru, Dr. Alfred Grech wera x-xewqa quddiem il-kumitat li jixtieq jitfa r-rizejna minn segretarju generali tal-BCG. Ghalkemm il-president, Dr. Joe Zammit Maempel, talab lil Dr. Grech biex jerga' jikkonsidra r-rizejna tieghu, acceta d-decizjoni finali ta' Dr. Grech.

Il-kumitat centrali jixtieq jirringrazzja lil Dr. Alfred Grech ghal karriera twila fil-kariga ta' segretarju tal-BCG. Mhux ser noqghodu nsemmu l-'milestones' li ghamel il klabb taht it-tmexxija tieghu, imma nixtiequ nuru l-apprezzament taghna lkoll ghad-dedikazzjoni u l-imhabba li wera lejn l-arti tal-bonsai u lejn il membri kollha tal-BCG. Ghalkemm forsi xi uhud ma qablux ma' xi decizzjonijiet li kellu jiehu, imma kulhadd zgur jifhem li Dr. Grech dejjem mexa b'certu serjeta u professjonalita, filwaqt li dejjem irrispetta lill membri kollha, bla dinstizzjoni ta' hadd. Ghaldaqstant, il-kumitat u l-membri kollha jirringrazjawh minn qalbhom ghall-volontarjat li wera.

## Segretarju gdid tal-BCG

Fl-istess laqgha tal-kumitat, l-istess Dr. Grech innomina bhala segretarju generali l-gdid lill Martin Abela, fejn gie elett unanimament. Jassisti lill Martin Abela, ser ikun hemm Dr. Grech bhala assistent segretarju.

## Programm ghal Ottubru

| Data | Attivita | Kelliem |
|---|---|---|
| 03 | Riceviment / Jiddendlu l-Posters tar-rebbieha 2013 | |
| 10 | Skema gdida ta' votazzjoni fil-wirja annwali | Martin Abela/Twanny Agius/Colin Falzon |
| 17 | Stili Bazici tal-Bonsai u aktar | Dr. Alfred Grech M.D. |
| 24 | 'Road Map' tal-BCG - Malta ghal 5 snin li gejjin | Martin Abela |
| 31 | Table show | |

## Jiddendlu l-Posters

Fl-ewwel laqgha ser isir riceviment zghir ghal membri kollha. Wara ser jitwahhlu fil-premises, il-posters tar-rebbieha tal-kompetizzjoni annwali 2012. Ir-rebbieha kienu: Dr. Alfred Grech, Dennis Ellul u Tanio Vassallo.

## Skema Gdida ta' Votazzjoni

Matul il-vakanzi tas-sajf gie mahtur sotto kumitat biex jiprepara proposta dwar kif ghandha ssir sistema gdida ta' votazzjoni fil-wirja annwali tal-BCG. Is-sotto kumitat kien kompost minn Martin Abela, Twanny Agius u Colin Falzon. Il-proposta ser tintbghat lill-kumitat centrali. Wara li tigi spjegata lill membri u jinstemghu l-kummenti, tigi diskussa mill-kumitat, biex fl-ahhar tigi atwata l-ahjar.

## Judges

Il-BCG qed tistieden lil dawk il-membri li jhossuhom kompitenti li joffru s-servizz taghhom biex ikunu 'judges' fil-kompetizzjoni 2014. Dawn huma mitluba li jinfurmaw lis-segretarju. Ser issir 'training session' ghal dawk li ser juru nteress. Jekk mhux ser ikun hemm membri li joffru s-servizz taghhom, il-BCG thoss il-htiega li tghazel xi membri li tahseb li jistghu jkunu ta' ghajnuna lill-klabb.

## Road Map

Ser issir diskussjoni biex il-membri jkollhom il-possibilta li jfasslu pjan fejn jixtiequ jaraw il-BCG fil-5 snin li gejjin. Kulhadd mistieden li jgib il-proposti tieghu miktubin u jinqraw waqt il-laqgha. Tintalab il-koperazzjoni ta' kulhadd.

**Programm ghal Novembru**

| Data | Attivita | Kelliem |
|---|---|---|
| 07 | 'Training' tas-sistema l-gdida tal-votazzjoni | |
| 14 | Kif tiprepara l-bonsai tieghek ghall-esibizzjoni | John Grech |
| 17 | 'Table Show' tar-rebbieha 2013 | Dr.J.Zammit Maemple/Colin Falzon/ Charles Gauci |
| 28 | Workshop | Twanny Agius |

**Programm ghal Dicembru**

| Data | Attivita | Kelliem |
|---|---|---|
| 05 | 'Potting mix' u kif tithallat | Dr. J. Zammit Maemple LL.D. |
| 12 | Workshop: Deadwood | Tanio Vassallo/Charles Gauci |
| 19 | Repotting | Emilio Bilocca/Paul Micallef |
| 20 | Ikla tal-Milied | |

## Laqghat

Il-BCG ghazlet li tbiddel xi laqghat u l-kelliema taghha fi sforz iehor biex izzomm l-interess filwaqt li tkompli teduka lill-membri taghha. Il-BCG taprezza meta l-kelliema jipreparaw bl-awdioviziv il-lecture taghhom, waqt li lesta toffri l-ghajnuna lill-kelliema fil-preparazzjoni taghhom. Il-BCG theggeg lil dawk il-membri li jistghu jghatu kontibut bhala kelliema fil-laqghat tal-klabb, biex jikkuntatjaw lis-segretarju.

## Xoghol fil-Gnien

Dawk il-membri li minhabba ragunijiet personali ma setghux jattendu fil-klabb fil-xhur tas-sajf huma mitluba li jzuru l-gnien u jaraw ix-xoghol fuq il-posti fejn jigu esibiti s-sigar tal-bonsai.

Martin Abela
Segretarju Generali

Dr. Alfred Grech M.D.
Ass. Segretarju